**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 9 ta' Mejju 2024**

Rikors Numru: 326/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 165/2005)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi huma zzewwgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elf disamija hamsa u disghin (1995)u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.
2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-tlieta u ghoxrin (23) t' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) permezz ta' kuntratt tas-separazzjoni hawn aness u mmarkat Dok B.

3. Illi għalhekk il-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien għal iktar minn perjodu sena mis-sentejn preċedenti.

4. Illi ma hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin u l-partijiet qegħdin jahilfu dan l-att f' das-sens.

5. Illi m'hemm ebda arretrati f' manteniment dovuti.

6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg taz-zwieg li gie ccelebrat nhar fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995).

2. Tordna lir-Regisratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta'Gunju 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ppreżentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tlieta u ghoxrin (23) t' April tas-sena elfejn u tnejn (2002);

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.